**Eżami għad-Dħul**

**Fl-Ewwel Sena tal-Junior Lyceum**

**2009**

# IL-MALTI

# TIKTEB XEJN F'DAN L-ISPAZJU

**Ikteb pulit u bla żbalji.**

**Dan jgħodd ukoll meta tikkopja minn naħa għal oħra.**

**A. Aqra din is-silta. Wara wieġeb il-mistoqsijiet b'sentenzi SĦAĦ.** (*10 marki*)

## Kuċċlu tiegħi

Meta ommi qaltli li kienet sejra l-Ingilterra, qalbi għamlet tikk. Naf li x-xogħol tagħha jfisser li jkollha ssiefer ta' spiss. Ġieli siefret seba' darbiet f'sena. Missieri jgħidli li rrid nidra imma, ngħid għalija, din tas-safar ma nistax nidraha. Lill-mamà nħobbha ħafna u kieku taf kif naqsam qalbi kull meta naħseb li rrid ngħaddi ġimgħa mingħajrha. (***par. 1***)



Imnalla jkun Kuċċlu għalija. Kuċċlu huwa l-kelb tiegħi. Għandu pil kannella u mnieħru ċkejken qisu tuta. Għajnejh kbar u dejjem miftuħin beraħ, u lsienu dejjem barra. Għalija Kuċċlu huwa l-iktar kelb ħelu. (***par. 2***)

Niftakar meta daħħalnieh id-dar tagħna l-ewwel darba. Kien ikun barra fit-triq waħdu u jien tant kont nitħassru li kull filgħodu kont inħallilu platt ħalib frisk u landa tonn taż-żejt ħdejn il-bieb. Kien ikun qed jistennieni għax lanqas nilħaq niftaħ il-bieb ta' barra li ma tarahx pront pront ġej bi lsienu barra jingħi qisu qed jitkarrabli biex nitimgħu. (***par. 3***)

Imbagħad darba waħda, wara li wasalt mill-iskola, nidħol f'kamarti u xi nsib ħdejn is-sodda tiegħi? Lill-mamà, il-papà, lil ħija ż-żgħir u lil Kuċċlu! Dakinhar kont tħawwadt lil min se mmur ngħannaq l-ewwel, imma ftit kelli ħin naħsibha għax Kuċċlu ma damx ma tar għal fuqi, waqqagħni fuq is-saqqu u beda jilgħaqli wiċċi u jdejja. (***par. 4***)

Minn dakinhar jien u Kuċċlu sirna ħbieb kbar. Filgħodu jien u l-papà nbakkru ħalli noħorġu lil Kuċċlu għall-passiġġata tas-soltu, u wara nitimgħuh. Wara li nasal mill-iskola nsibu fil-kċina bil-platt tal-ikel ħdejh. Miskin! Ikun ilu nofstanhar jistennieni. It-tonn taż-żejt baqa' l-iktar platt favorit tiegħu. **(*par. 5*)**

Kultant naħseb li lili Kuċċlu biss jifhimni. U meta nkun bil-geddum jiġi fuqi. Dan l-aħħar erġajt imdejqa minħabba li l-mamà se terġa' ssiefer. Imma naf li mhux se ddum ma terġa' lura. Donnu Kuċċlu ried ifehemni li l-mamà qiegħda tagħmel sagrifiċċju kbir kull meta ssiefer ħalli, bħall-papà, iġġib il-flus id-dar. Huwa għalhekk li jien għandi dar sabiħa fejn noqgħod, għandi x'niekol u ma ngħixx barra t-triq qisni xi kelb minsi minn kulħadd. **(*par. 6*)**

**Wieġeb:**

**1.** Immarka (**X**) ħdejn il-pajjiż li fih kienet sejra l-mamà: **(*par. 1*)**

☐ L-Amerika ☐ L-Ingilterra ☐ L-Irlanda **(*½ marka*)**

**2.** Immarka (**X**) fil-kaxxa t-tajba biex turi kemm-il darba l-mamà ġieli siefret: **(*par. 1*)**

☐ sitt darbiet ☐ seba' darbiet ☐ tmien darbiet **(*½ marka*)**

**3.** Minħabba xiex il-mamà jkollha ssiefer ta' spiss? **(*par. 1*)**

______________________________________________________________

______________________________________________________ **(*marka*)**

**4.** X'jismu l-kelb? **(*par. 2*)**

______________________________________________________ **(*marka*)**

**5.** X'kulur hu l-pil tal-kelb? **(*par. 2*)**

______________________________________________________ **(*marka*)**

**6.** X'kienet tħallilu lill-kelb biex jixrob kull filgħodu ħdejn il-bieb? **(*par. 3*)**

______________________________________________________ **(*marka*)**

**7.** X'għamel Kuċċlu malli t-tifla daħlet fil-kamra tagħha? **(*par. 4*)**

______________________________________________________________

______________________________________________________ **(*marka*)**

**8.** Kif taf li t-tifla u missierha jieħdu ħsieb lill-kelb? (***par. 5***)

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ (***marka***)

**9.** Għaliex taħseb li l-kelb ikun qed jistenna lit-tifla bil-platt tal-ikel ħdejh? (***par. 5***)

________________________________________________________________ (***marka***)

**10.** Kieku int il-kelb, semmi żewġ affarijiet li tagħmel biex tferraħ lit-tifla li tieħu ħsiebek meta tkun imdejqa. (***par. 6***)

**i.** ______________________________________________________________

**ii.** ______________________________________________________________ (***2 marki***)

**B. Mill-istorja li għadek kemm qrajt, sib dan li ġej. L-ewwel waħda hija lesta. (*5 marki*)**

**1.** Kelma waħda li tfisser **ħafna drabi** (***par. 1***) ***spiss***

**2.** Kelma waħda li tfisser **nagħtih jiekol** (***par. 3***) ____________________

**3.** Kelma waħda li tfisser **il-kamra tiegħi** (***par. 4***) ____________________

**4.** Kelma oħra li tfisser **mixja** (***par. 5***) ____________________

**5.** Espressjoni li tfisser **ħadt qatgħa** (***par. 1***) ____________________

**6.** Espressjoni li tfisser **inkun imdejqa** (***par. 6***) ____________________

**Ċ. Imla t-tieni sentenza b'kelma li ġejja mis-sentenza ta' fuqha. L-ewwel waħda hija lesta. (5 *marki*)**

**1.** Qabel ma tkun se **taħsel** il-karozza tinsiex iċċempilli ħalli taħsilli tiegħi wkoll.
Iz-ziju ***ħasel*** il-ħwejjeġ u nesa jonxorhom.

**2.** Stephen **telaq** id-dar kmieni minħabba li ħassu sturdut.
Kif tkun se ____________ mid-dar mur għid ċaw lil missierek.

**3.** In-nemla **qalet** lin-nemlu biex joqgħod attent qabel ma jaqsam it-triq.
Ilbieraħ kulħadd ____________ li llum se jkun temp sabiħ.

**4.** Il-ġimgħa l-oħra jien u ħija xtrajna **kamp.**
Ippreparajt kollox fil-basket il-kbir għax ridt immur ____________ fil-beraħ.

**5.** It-**tisfira** nstemgħet min-naħa l-oħra tal-wied!
Brandon ____________ lil oħtu biex jiġbdilha l-attenzjoni.

**6.** Fl-uffiċċju ta' ommi hemm żewġ kompjuters u **printer** wieħed**.**
In-nannu Ġuż għadu kemm ____________ żewġ karti.

**D. Aqra t-test u wara wieġeb il-mistoqsijiet billi timmarka (X) it-tweġiba t-tajba. (*5 marki*)**

# Għadni b'ħalqi miftuħ

Jgħidu li fid-dinja m'għandek tieħu xejn bi kbir. (***par. 1***)

Mela ġimgħa ilu kont qed nistenna tal-linja. Kont ili fuq l-istejġ madwar għaxar minuti meta waqfet karozza. Fiha kien hemm żewġt irġiel u mara. Niżel raġel minnhom flimkien mal-mara. F'idejhom kellhom basket tal-plastik. Huma baqgħu deħlin il-bank filwaqt li r-raġel l-ieħor baqa' fil-karozza li ħallieha startjata. (***par. 2***)

Lanqas laħqu għaddew tliet minuti li l-mara u r-raġel ma ħarġux jiġru b'kemm kellhom saħħa. F'idejhom kellhom żewġ basktijiet tal-plastik mimlijin karti. Daħlu jiġru fil-karozza. Vrumm ... vrumm ... Fil-pront din werżqet ir-roti u sparat 'il fuq fit-triq. (***par. 3***)

Għadni b'ħalqi miftuħ! Il-mara fil-karozza hija l-istess waħda li tliet ġimgħat ilu ġiet toqgħod ħdejna! (***par. 4***)

**1.** Din il-kitba hija dwar:
- tellieqa ☐
- serqa ☐
- il-karnival ☐

**2.** Din il-kitba hija
- serja ☐
- ċajtiera ☐
- reliġjuża ☐

**3.** Fil-karozza kien hemm
- tliet persuni ☐
- erba' persuni ☐
- ħames persuni ☐

**4.** Il-frażi ***Għadni b'ħalqi miftuħ*** hija
- poeżija ☐
- reċta ☐
- idjoma ☐

**5.** Fit-**tieni paragrafu** hemm
- tliet sentenzi ☐
- sitt sentenzi ☐
- seba' sentenzi ☐

**E. Oħroġ kelma oħra minn dawk fil-parentesi. L-ewwel waħda hija lesta. (*10 marki*)**

# Maltemp kbir fuq il-gżejjer Maltin

**Tirrapporta Christine Frendo għall-gazzetta *Bejnietna* tat-13 ta' Frar 2009**

Il-maltemp li qed jolqot il-**gżejjer** **(gżira)** tagħna bħalissa qiegħed iħallina bla nifs. Ix-xita li niżlet bil-qliel dan l-aħħar fawret l-__________________ **(għalqa)** tagħna u biddlet it-toroq tagħna fi __________________ **(xmara)**. Fil-fatt huma bosta s-__________________ **(sewwieq)** li qed isibu ruħhom f'diffikultajiet kbar meta jkollhom xorta waħda joħorġu bil-karozzi ħalli jaqdu l-__________________ **(bżonn)** ta' kuljum.



Storja li laqtitna seħħet ilbieraħ waranofsinhar meta missier u bintu ta' tmien __________________ **(xahar)** kienu sejrin l-Imsida. Għal xi raġuni jew oħra l-karozza waqfitilha l-magna u bdiet tinġarr mal-wied. Ftit tal-ħin wara l-Kuntistabbli Joseph Pisani u Rita Fenech, li inzertaw kienu qed jagħmlu r-ronda bil-vann tal-pulizija, raw ix-xena u fis taw l-għajnuna tagħhom lill-missier li sa dak il-ħin ma kellu ebda kontroll fuq il-karozza tiegħu.

Ix-xita bil-qliel li għamlet ilbieraħ għarrqet bosta __________________ **(lokalità)** u toroq fl-Imsida, il-Gżira, il-Marsa u l-Mosta. Birkirkara u Ħal Qormi kienu fost dawk li l-aktar intlaqtu. Għal tul ta' ħin, Triq Diċembru Tlettax fil-Marsa kienet mgħarrqa wkoll. Qrib in-niċċa tal-Madonna l-ilma ġarr ħafna __________________ **(ġebla)** u materjal ieħor bħalma ġara wkoll fi __________________ **(naħa)** oħra.

Id-Dipartiment tal-__________________ **(li jipproteġi)** Ċivili huwa l-ħin kollu għal-lest fil-każ li tintalab l-għajnuna. Bħalissa l-__________________ **(membru)** tal-pulizija qed jaħdmu aktar mis-soltu u javżaw lill-pubbliku biex joħroġ fit-toroq mill-inqas.

**F. Kompli dawn is-sentenzi billi ddaħħal kelma waħda fil-vojt. Żomm l-istess tifsira tas-sentenza ta' qabel. L-ewwel waħda hija lesta. (*5 marki*)**

**1. Tibqax tistenna għalxejn. Is-Sur Camilleri msiefer.**

Tibqax tistenna għalxejn ***għax*** is-Sur Camilleri msiefer.

**2. Andrew mar għand missieru. Ried ikellmu fuq is-safra.**

Andrew mar għand missieru minħabba __________________ ried ikellmu fuq is-safra.

**3. Albert ċempel lil Clare. Qalilha li l-logħba tal-futbol mhux se ssir.**

Albert ċempel lil Clare __________________ jgħidilha li l-logħba tal-futbol mhux se ssir.

**4. Is-sardinella nixfet. Mhux qed tagħmel fjuri.**

__________________ li s-sardinella nixfet, mhux qed tagħmel fjuri.

**5. Manwel għandu deni ta' żiemel. Ġie l-iskola xorta waħda.**

__________________ Manwel għandu deni ta' żiemel, ġie l-iskola xorta waħda.

**6. L-iljun kiel ċerva u niżlitlu għasel. Wara qabdu d-deni.**

L-iljun kiel ċerva u niżlitlu għasel __________________ wara qabdu d-deni.

**Ġ. Dan huwa riklam ta' ktieb ġdid. Imla l-vojt skont il-parentesi. L-ewwel waħda hija lesta. (*5 marki*)**



## Id-dragun li ma setax itir

Dan hu ktieb ġdid ***miktub*** (***K-T-B***) minn Wenzinu u li għadu kemm _____________ (***Ħ-R-Ġ***) fil-_____________ **(plural ta' *ħanut*)**. Il-ġrajja _____________ **(kelma waħda għal *tieħu lilna*)** lura ħafna snin ilu. Niltaqgħu ma' Ġorġinu, l-_____________ **(l-iktar *żgħir*)** dragun tal-familja u li miskin ma setax jitgħallem itir! Il-ktieb jiswa _____________ **(4)** ewro.

| G. Aqra din ir-riċetta u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara. | (*5 marki*) |
|---|---|

# Blalen taċ-Ċikkulata bil-Kowkonat

**Riċetta tal-kok John Bonnici għall-magażin *Togħmiet Tajba***



Jekk ikollok il-mistednin id-dar u trid li joħorġu jilagħqu xufftejhom mingħandek, agħmel din ir-riċetta ħafifa! M'għandhiex teħodlok iktar minn nofs siegħa biex tippreparaha.

**L-ingredjenti**

- 2 kuċċarini kokotina
- 50 gramma ċikkulata
- 2 pakketti gallettini
- 250 gramma ġellewż misjur
- 200 millilitru konċentrat ta' ħalib ħelu
- 20 millilitru meraq ta' larinġa
- Pakkett frak tal-kowkonat

**Il-metodu**

**1.** Itfa' l-gallettini ġo borża tal-plastik u farrakhom billi tgħaddi l-lembuba minn fuqhom.

**2.** Itħan il-ġellewż u ċ-ċikkulata.

**3.** Poġġi l-gallettini fi skutella u żid magħhom il-ġellewż mitħun, il-frak taċ-ċikkulata, il-kokotina u daqsxejn frak tal-kowkonat. Ħallat sew flimkien l-ingredjenti kollha.

**4.** Żid il-meraq tal-larinġa kif ukoll il-konċentrat tal-ħalib ħelu waqt li tħallat it-taħlita.

**5.** Kif tara li t-taħlita bdiet tagħqad, aqbad kemm timla minnha b'mgħarfa u, fuq idejk, dawwarha sakemm tifforma ballun li, bejn wieħed u ieħor, ikun wiesa' erba' ċentimetri.

**6.** Kompli agħmel il-blalen bil-bqija tat-taħlita.

**Sib mis-silta:**

**1.** <u>idjoma</u> li tfisser ***jogħġobhom dak li jkunu kielu*** ____________________

**2.** <u>kelma waħda</u> li tfisser ***trab irqiq ħafna*** ____________________

**3.** <u>verb fl-imperattiv</u> bl-għeruq **Għ-M-L** ____________________

**4.** <u>kelma oħra</u> flok ***farrak u ġib trab*** ____________________

**5.** <u>kelma oħra</u> għal ***dak li joħroġ mill-għasir tal-frott*** ____________________

**Għ. Imla l-vojt skont il-kelma li hemm fil-ġenb. L-ewwel waħda hija lesta. (*10 marki*)**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | Is-sena l-oħra ksirt sieqi u missieri ***ġarrni*** minn fejn konna għall-karozza fuq dahru. | Kelma waħda flok ***ġarr lili*** |
| **2.** | Il-ġugarelli li għażilt jien mhumiex ________________. | Il-plural ta' ***dan*** u ***din*** |
| **3.** | Wara li Miriam ________________ mid-dar indunat li nsiet iċ-ċwievet tal-karozza. | **T-L-Q** |
| **4.** | Il-qattus ________________ il-ġurdien għax rah gustuż. | In-negattiv ta' ***qatel*** |
| **5.** | Il-Malti jgħid li l-________________ huma t-twieqi tal-qalb. | L-għadd imtenni ta' ***għajn*** |
| **6.** | Rita bdiet tibki għax xtaqet żarbun ________________ minn dak li xtratilha ommha. | Kelma waħda flok ***aktar sabiħ*** |
| **7.** | Qabel ħarġet mill-klassi Rita ________________ it-tubu. | Verb fil-perfett minn ***tefa*** |
| **8.** | Il-kok ________________ l-ikel biex jara li ġie tajjeb. | Verb fl-imperfett minn **daq** |
| **9.** | Fuq ix-xarabank kien hemm ________________ itfal. | Ikteb fi kliem ***3 itfal*** |
| **10.** | Ilbieraħ tajt ħames ewro ________________ karità. | L-artiklu magħqud ma' ***għal*** |
| **11.** | It-tuffieħa qalet ________________ mandolina, "Qed narak safra iktar mis-soltu dalgħodu. Ġralek xi ħaġa?" | L-artiklu magħqud ma' ***lil*** |

**H. Ikteb ittra ta' madwar 50 kelma lill-kantanta Speranza biex tifirħilha għall-premju li kisbet dan l-aħħar fil-festival nazzjonali tal-kanzunetti Maltin.** **(*15-il marka*)**

***Appartament 3, Dari,***
***Triq il-Kwiekeb,***
***Ħal Lieni, ĦLN 1209.***

***Appartament 6, Spera,***
***Triq il-Ħolm,***
***Għajn il-Baħar, BĦR 9029.***

***Għażiża Sinjorina Speranza,***

Ibda billi tintroduċi lilek innifsek ______________________

______________________

______________________

Ikteb għaliex togħġbok din il-kantanta ______________________

______________________

______________________

Ikteb għaliex laqtitek il-kanzunetta tagħha ______________________

______________________

______________________

Semmilha t-talent artistiku tiegħek ______________________

______________________

______________________

X'tawguralha għall-futur? ______________________

______________________

______________________

***Dejjem tiegħek,***

P. Farrugia

**Ħ. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti.**
**Ikteb Malti tajjeb u uża l-paragrafi. Żomm dejjem mas-suġġett.**
**Tista' tuża l-għajnuniet mogħtija.** **(*25 marka*)**

**1. Ma kinitx darsa!**

*Ikteb storja fuq darsa li kienet qed tuġgħek u li ħassritlek il-festi!*

**2. Misteru fil-Buskett**

*Ikteb storja ta' meta inti u xi ħbieb tiegħek tal-klassi mortu sal-Buskett. Waqt li kontu mixjin qalb is-siġar smajtu passi tqal qishom ġejjin minn xi ġgant. Fid-daqqa u l-ħin smajtu għajta misterjuża. X'kien dan il-leħen? Minn fejn kien ġej? X'għamiltu inti u sħabek?*

**3. Iz-ziju Johnny u z-zija Lina**

*Min huma z-ziju Johnny u z-zija Lina? Fejn joqogħdu? Tiltaqa' magħhom ta' spiss? Ikteb dak li jogħġbok fihom u anki dak li ma tantx jogħġbok.*

**4. Għaliex inħobb lil Miċa**

*Qabel ma kontx tħobbhom il-qtates. Għaliex? Kellha tkun Miċa l-qattusa biex tbiddillek fehmtek. Għaliex?*

**5. Mhux l-ikel kollu huwa sustanzjuż**

*X'inhuwa l-ikel tajjeb għall-bniedem? X'inhuwa l-ikel li jagħmel il-ħsara? X'inhija l-opinjoni tiegħek fuq l-ikel li nieklu llum? Taħseb li l-ikel li kienu jieklu n-nanniet tagħna kien aħjar?*

- Tmiem il-Karta -